## 1 ta' Novembru, 1988

**Imħallef: –**

**Onor. Profs. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Il-Kummissarju tal-Pulizija

*versus*

Anthony u Olympia konjugi Schembri

**Mandat ta' Inibizzjoni – Nullità – Digriet Kamerali – Appell**

*M'hemmx appell minn digriet kamerali bħal ma hu mandat ta' inibizzjoni. Ir-rimedju għall-effetti tad-digriet jinstab biss bil-ħruġ ta' ċitazzjoni jew ta' att ieħor li bih jistgħu jinfetħu proċedimenti.*

*Il-Qorti*: -

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-15 ta' Marzu 1988, li biha l-Kummissarju tal-Pulizija, wara li ppremetta *illi* fl-erbgħa (4) ta' Jannar, tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (1988) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba ta' Anthony u Olympia *miżżewġin Schembri, il-konvenuti tallum*, ħarġet *mandat ta'* inibizzjoni numru elf tmien mija u wieħed u tmenin sbarra sebgħa u tmenin (1881/87) *li biħ l-attur ġie ordnat* sabiex ma joħroġ ebda liċenzja f'isem Pierre Darmanin sabiex imexxi xi negozju jew jipprattika xi sengħa fil-fondi 37 u 37B, *Quarries Square,* Msida;

*Illi* qabel ma ħarġet dak il-mandat il-Qorti ma ottempratx ruħha mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 873 sub inċiż (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi l-attur qabel ma ħareġ il-mandat qatt ma kkonferma fil-Qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li kien qiegħed jintalab li tiġi miżmuma kienet fil-fatt *maħsuba* li ssir, kif inhu rikjest fl-istess artikolu 873 sub-inċiż (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili f'każijiet fejn ikun qiegħed jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra persuna li jkollha xi kariga pubblika fil-kariga *uffiċjali* tagħha;

Illi l-attur, il-Kummissarju tal-Pulizija, hu persuna li għandu kariga pubblika u l-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq imsemmi intalab fil-konfront tiegħu fil-kariga uffiċjali tiegħu;

Illi, fi kwalunkwe każ, il-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq imsemmi ma setax jinħareġ skond il-liġi u huwa null *stante* li ma teżisti ebda *"obbligazione di non fare"* ta' l-attur lejn il-konvenuti rigward dak li kien mitlub fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat u l-istess konvenuti ma għandhom ebda jedd fis-sens

li ma għandu jinħareġ mill-attur ebda permess bħal dak l-imsemmi fil-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq indikat *(sic);*

Illi l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni ma setax jinħareġ skond il-liġi u huwa null *stante* li l-istess mandat huwa intiż biex jivvjeta lill-attur milli jiddeċidi hu jekk joħroġx liċenzja bħal dik imsemmija fil-mandat ta' inibizzjoni jew le, funzjoni vestita fl-attur mil-liġi stess;

Talbu li dina l-Qorti tiddikjara null u mingħajr ebda effett fil-liġi fil-konfront ta' l-attur Kummissarju tal-Pulizija l-mandat ta' inibizzjoni numru elf, tmien mija u wieħed u tmenin sbarra sebgħa u tmenin (1881/87) ta' l-erbgħa (4) ta' Jannar, tas-sena elf, disa' mija u tmienja u tmenin (1988) maħruġ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-8 ta' April 1988 li fiha Anthony u Olympia miżżewġin Schembri qalu:

"(1) Illi l-mandat ta' inibizzjoni ġie spedit permezz ta' digriet *"in camera"* li minnu m'hemm ebda appell qabel ma jkun hemm deċiżjoni finali fuq il-każ (art. 173 Kap. 12). Il-mandat infatti ġie segwit mid-debita ċitazzjoni fit-terminu preskritt mil-liġi u infatti l-kawża tinsab appuntata għall-11 ta' April 1988 (Prim'Awla 51/88 F). Għal din ir-raġuni biss, it-talba ta' l-attur għandha tiġi respinta;

(2) Illi, fi kwalunkwe każ, u sussidjarjament, anki għas-saħħa ta' l-argument, id-digriet għall-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni huwa ordni jew direttiva li minnu appell

m'għandux ikun ammess (art. 173 Kap. 12) *stante* illi l-liġi tipprovdi speċifikament illi ssir kawża *"ad hoc"* sabiex tali mandat jiġi kkonfermat jew irrevokat. U, naturalment, lanqas wara tali deċiżjoni finali ma jista' jkun hemm appell **mid-digriet oriġinali**, iżda mis-sentenza biss. Għalhekk, ukoll għandha tiġi respinta d-domanda ta' l-attur. *Se mai,* l-attur missu għamel ċitazzjoni għar-revoka tad-digriet *"contrario imperio"*, liema talba ma saritx fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Salv eċċezzjonijiet oħra";

Semgħet ix-xiehda u rat l-atti kollha u d-dokumenti esibiti;

Semgħet lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Peter Grech għall-attur u l-Avukat Austin Sammut għall-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi, kif jidher mill-verbal tas-27 ta' April 1988, il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenuti;

Fl-ewwel eċċezzjoni l-konvenut qegħdin isostnu illi mill-mandat *de quo* ma hemmx appell qabel ma jkunx hemm deċiżjoni finali fuq il-każ. Il-mandat debitament segwit b'ċitazzjoni u l-kawża fuqha għadha ma nqatgħetx;

Il-Qorti hija tal-fehma illi dana m'huwiex każ ta' revoka ta' ordni jew direttiva mogħtija taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

invokat mill-konvenuti;

Il-mandat ta' l-inibizzjoni inħareġ in forza ta' digriet fuq ir-rikors tal-konvenuti u għal digriet simili ma hemmx appell. Ir-rimedju għall-effetti tad-digriet jinstab biss bil-ħruġ ta' ċitazzjoni jew att ieħor li bih jistgħu jinfetħu proċedimenti – f'dan il-każ l-attur fittex permezz ta' ċitazzjoni u għalhekk uża dak il-mezz li l-liġi tikkonċedilu għall-azzjoni simili;

Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti, sussidjarjament u anke in sostenn ta' l-ewwel eċċezzjoni qegħdin jgħidu illi 'id-digriet għall-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni huwa ordni jew direttiva li minnu appell ma għandux ikun ammess (art. 173 Kap. 12) *stante* li l-liġi tipprovi speċifikament li ssir kawża *'ad hoc'* sabiex tali mandat jiġi **kkonfermat jew revokat'**. (*sottolinear tal-Qorti*). *Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma'* dina s-sottomissjoni, l-ewwelnett għaliex, kif ġà intqal, għad-digriet imsemmi ma japplikawx id-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi art. 173, u t-tieni għaliex il-liġi trid biss illi r-rikorrent jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat (ara art. 875 b'riferenza għall-art. 843 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u mhux għall-konferma jew għar-revoka tal-mandat kawtelatorju msemmi;

F'dana l-każ l-attur *nomine* qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat minn dina l-Qorti illi l-mandat ta' inibizzjoni li ssemma huwa 'null u mingħajr effett fil-liġi fil-konfront tiegħu'. Talba ta' dina x-xorta li tirrigwarda l-essenza stess tal-mandat tista' ssir bil-mezzi kollha li ordinarjament jintużaw u huma ordinati mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – fosthom il-mezz taċ-ċitazzjoni adoperat mill-attur *nomine;*

Għal dawn il-motivi l-Qorti tirrespinġi ż-żewġ eċċezzjonijiet fuq imsemmija bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti u tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla skond il-liġi.